TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Deċiżjoni Nru. 62

Kaz Nru. 73

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Is-Sur George Baldacchino
u
Messrs. B. Paradise (Malta) Ltd.

Data : 7 ta' Frar, 1980.

Chairman : C.J. Mallia.

Fit-8 ta' Ottubru, 1979, is-Sur George Baldacchino kiteb lill-Ministru tax-Xoghol, Kultura u Ghajnuna Socjali illi hu kien gie mkecci mill-impieg li kellhu bhala Supervisor mad-ditta B. Paradise (Malta) Ltd. ta' Bulebel Industrial Estate, u talab li l-kaz tieghu jmur quddiem it-Tribunal Industrijali. Fuq dik it-talba, il-Ministru, taht id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 28 (2) ta' l-Att ta' l-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali, irreferiet il-kaz lil dan it-Tribunal fis-17 ta' Ottubru, 1979.

2. Il-partijiet. Is-Sur George Baldacchino kien assistit mis-Sur John B. Frendo u mis-Sur Salvino sive Sunny Brincau, rispettivament President u Segretarju tal-General Association of Clerical and Supervisory Staff tal-General Workers' Union. Id-ditta B. Paradise (Malta) Ltd. kienet rapprezentata minn Mr. John L. Joseph, Direttur debitament awtorizzat, li kien assistit mis-Sur Joseph Angileri, General Manager ta' l-istess ditta.

3. Xhieda u seduti. Il-kaz instemgha f'sitt seduti, b'differimenti kull tant itwal mis-soltu mhabba f'assenzi ta' partecipanti barra minn Malta. Gew mismughin dawn ix-xhieda:

/.....

Is-Sur Charles Caruana, Storeman mal-B. Paradise, migjub mill-applikant.

Is-Sur George Baldacchino, l-applikant stess, imtella mid-difensur tieghu, is-Sur S. Brincau.

| | |
|---|---|
| Is-Sur Sunny Brincau, Segretarju, G.A.C.S.S. ) | Migjuba mill- B. Paradise (Malta) Ltd. |
| Is-Sur John B, Frendo, President G.A.C.S.S. ) | |
| Is-Sur Joseph Angileri, General Manager, B. Paradise ) | |
| Is-Sur Paul Sciberras, Accountant,) B. Paradise ) | |

4. L-artikolu 33 (1) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976. Imhabba l-isem tal-grad li kien jokkupa l-applikant, igifieri Supervisor, it-Tribunal sema' x'jidhrilhom iz-zewg nahhat dwar jekk dik ta' l-applikant kienetx kariga amministrattiva jew ezekuttiva ghal finijiet ta' l-artikolu 33 (1) ta' l-Att.

(1) Is-Sur J.B. Frendo, ghall-applikant, issottometta dawn il-punti biex juri li s-Sur Baldacchino ma kienx jokkupa kariga amministrattiva:

(a) Is-Sur Baldacchino kien jaqa' taht il-Ftehim Kollettiv bejn id-ditta u l-impjegati (il-Managers, qal is-Sur Frendo, ma kienux jaqghu hekk).

(b) Is-Sur Baldacchino kien jithallas ghall-overtime (il-Managers le, skond is-Sur Frendo).

(c) Is-Sur Baldacchino kien soggett to punch in and out (haga li l-Managers ma kienux jaghmlu, qal is-Sur Frendo).

/.....

(d) Barra minn hekk, zied is-Sur Frendo, il-fatt li Mr. Joseph, waqt is-sottomissjonijiet finali tieghu, qal li kienet haga normali li hu jwissi bniedem bhas-Sur Baldacchino quddiem in-nies tkompli turi li hu ma kienx meqjus bhala parti mill-management.

(2) <u>Is-Sur John L. Joseph</u>, ghal Messrs. B. Paradise (Malta) Ltd., sostna u insista li bhala Supervisor is-Sur Baldacchino kien meqjus bhala parti minn dik l'hekk imsejha "middle management", u bhala tali hu kien jiehu sehem f'laqghat li kienu jsiru minn zmien ghall-iehor bejn il-management. Ghalhekk, skond Mr. Joseph, is-Sur Baldacchino kien jokkupa kariga amministrattiva ghal finijiet tal-ligi. Ghal dan rega rrisponda s-Sur Frendo li tant ma kienx parti mill-management is-Sur Baldacchino li qatt ma kien jiehu parti, ghan-nom tad-ditta, fi trattativi mal-union. Mr. Joseph kompla billi qal li mhux minnhu li Managers maghhom ma jithallsux ghal overtime, u anqas li ma jippunchjawx.

(3) <u>It-Tribunal</u> josserva li

(a) minn dak li intqal, jidher li s-Sur Baldacchino ma kienx verament parti mill-management, u x' aktarx illi li status tieghu kien simili bhal ta' charge hand jew leading man, kif kienu dawk il-karigi meta d-Dockyard ta' Malta kienet ghada f'idejn l-Ammiraljat Ingliz;

/.....

(b) il-partijiet it-tnejn qalu il-veduti taghhom, u kull tant ikkontradicew lil xulxin, izda ma giebux provi ta' dak li qalu;

(c) minn dak li sema',u sa fejn it-Tribunal ihoss li jista jaghti kredibilita', jidher li l-kariga li kellhu s-Sur Baldacchino mal-B. Paradise ma tistax titqies bhala amministrattiva; izda

(d) huwa car li s-Sur Baldacchino kien jimla kariga ezekuttiva ghal finijiet ta' l-artikolu 33 (1) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976.

Ghalhekk it-Tribunal jikkonkludi li s-Sur George Baldacchino, bhala Supervisor, kien impjegat ma' Messrs. B. Paradise (Malta) Ltd. f'kariga ezekuttiva meta tkecca.

5. <u>It-tkeccija</u>. Is-Sur George Baldacchino kien dahal ma Messrs. B. Paradise (Malta) Ltd., bhala Presser, fis-17 ta' Settembru, 1971. Maz-zmien, kien lahaq Supervisor. Ix-xoghol tad-ditta huwa li tahdem ilbies minn furs u glud. Fis-6 ta' Settembru, 1979, kien hemm dik li Mr. Joseph sejhilha "just and sufficient cause" biex is-Sur Baldacchino jigi mwiddeb, u Mr. Joseph widdeb lil Mr. Baldacchino quddiem in-nies billi tah "an official warning for careless work." Is-Sur Baldacchino, li jinghad li nkiser b'din ic-cumfira pubblika,irreagixxa hazin u insulta lid-Direttur, Mr. Joseph, bil-kliem hazin. Fuq dan, l-istess Mr. Joseph bidel il-"warning" ghal "notice of dismissal" u qal lis-Sur Baldacchino li hu kien imkecci.

/.....

6. Trattazzjoni. Waqt it-trattazzjoni tal-kaz, gew diskussi diversi aspetti ta' din il-kwistjoni, li wara, in vista ta' dak li sar jintqal il-quddiem, tilfu l-importanza taghhom. Huma msemmijin hawn "for the record":

(a) Dik li Mr. Joseph sejhilha "just and sufficient cause" biex jaghti twissija ufficjali ma kienetx telf veru ta' glud li kienu stmati li jiswew £M17,000 lill-Kumpanija. Fuq dan il-partijiet qablu. Huwa wkoll car li kieku kien hemm serq jew telf ta' glud ta' dak il-valur, ma kienx ikun il-kaz li jinghata "warning" biss. It-Tribunal ma ghandux ghalfejn jiddubita li l-fatt li daqstant "skins could not be accounted for" kien nuqqas serju; li dan gab hafna xoghol bla bzonn lill-Kumpanija kemm f'Malta u f'Londra; u li dan sewha hafna flus.

(b) L-applikant Baldacchino u x-xhud is-Sur Paul Sciberras ikkontraducew lil xulxin dwar jekk il-karti ufficjali li s-Sur Baldacchino kellu f'idu waqghux jew gew imsabbta ma l-art. L-ewwelnett, skond Mr. Joseph (ara li "statement of case" tieghu, bid-data 31 ta' Ottubru, 1979), dawn il-karti inxtehtu darbtejn ma l-art minn Mr. Baldacchino, u waqt it-tieni darba is-Sur Sciberras kien prezenti. It-tieni, fid-dawl ta' dak li gej, dan l-incident jitlef l-importanza tieghu.

(c) L-istess Sur George Baldacchino xehed li l-incident tas-6 ta' Settembru, 1979, sar wara azzjoni industrijali li grat fid-ditta f'Lulju, 1979, li kienet tikkonsisti f'wild cat strikes, u li kienet segwita minn 15 il-gurnata shut down

/.....

tal-fabbrika kollha f'Awwissu. Sa l-ahhar mument wara ix-shut down, qal l-applikant, huma ma kienux certi jekk id-ditta kienetx ser terga' tiftah ghax-xoghol. Kien f'din il- **konfuzjoni**, huwa qal, li huwa ma nizzilx numru ta' glud fil-lista, kif kien dover tieghu bhala Supervisor.

7. Il-qalba tal-kwistjoni. Fis-sottomissjonijiet finali tieghu fl-24 ta' Jannar, 1980, Mr. John L. Joseph qal illi l-applikant Mr. Baldacchino ma kienx ipprova illi t-tkeccija tieghu ma kienetx gustifikata. Hawn tohrog wehidha r-risposta li Mr. Joseph stess, ghal dak in-nuqqas mhux zghir tas-Sur Baldacchino, ma hasibx li jkeccih, imma biss li jaghtih "an official warning". Wara zviluppaw dawk l-insulti u kliem hazin, li fuqhom Mr. Joseph bidel il-"warning" f'"instant dismissal." Hawn jidhlu konsiderazzjonijiet li huwa car li Mr. Joseph ghad baqghalu jifhem. It-Tribunal jibza li din id-ditta mhix wehidha li ghada ma fehmetx kemm hi haga gravi li tkecci haddiem, u, meta jkun hemm verament ghaliex, x'hemm bzonn ikun sar ghal dawk li huma twissijiet qabel ma l-haddiem jista' jitkecca.

8. Drittijiet tal-Management. Huma nteressanti, fli statement of case ta' Mr. Joseph (31/10/79), dawn il-kliem : "I feel it is the Management's function to manage, and if, after what had been said and done, I took this employee back, it would leave the door open for any employee to both abuse and threaten the Management, and this would lead to chaos within the Company." L-istess concett tal-"Management's right to manage" jonrog minn telex message li iehor mid-Diretturi, Mr R.A. Benson, baghat lis-Sur S. Brincau fl-20 ta' Settembru, 1979. Hadd f'sensih ma jichad id-dritt,

/.....

id-dover anzi, tal-Management li jmexxi hu. Izda l-impieg johloq relazzjoni kuntrattwali bejn l-employer u l-impjegat, u din ghandha titmexxa skond normi maghrufa u ccivilizzati, u mhux skond ligi tal-gungla bhal ma hi r-rabja tal-mument. L-ingieba tas-Sur Baldacchino dik inhar (wara li wiehed jizen sewwa xi provokazzjoni setgha kellhu fic-cirkostanzi ta' rabja tal-Manager, presenza ta' mpjegati ohra, rank tieghu, eccetra) aktarx li kien ikun jimmeritaha xi kastig dixxiplinarju, skond regoli dixxiplinarji maghrufa lil kull ditta suppost li ghandha, imma mhux tkeccija. Kieku id-ditta B. Paradise (Malta) Ltd. indenjat ruhha thares lejn decizjonijiet precedenti ta' dan it-Tribunal, anke sa minn Gunju ta' l-1978, kienet tara li l-impieg huwa meqjus bhala sagru u anke l-istess ILO (International Labour Office) tqis it-tkeccija bhala l-kastig estrem li ma ghandux jinghata jekk mhux "for a valid reason connected with the capacity or conduct of the worker or based on the operational requirements of the undertaking" (Termination of Employment Recommendation, para. 2 (1), ILO, 1963). Barra minn hekk, dan it-Tribunal afferma aktar minn darba li, anke fejn ikun hemm raguni valida, jekk din ma tkunx eccezzjonali u gravissima, wiehed ma jistax ikecci "there and then", imma jehtieg fuq certu tul ta' zmien jaghti twissijiet formali jew bil-miktub jew quddiem xhieda. Kieku d-ditta rat dan, kienet tezamina l-agir taghha, tara li agixxiet fis-sahna, u ma kienetx tigi quddiem dan it-Tribunal. "The function of Management is indeed to manage, but to manage properly, and decently."

9. Award. Ghal dawn ir-ragunijiet u konsiderazzjonijiet kollha, it-Tribunal, li taht l-artikolu 33 (1) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976 ma jistax jordna r-reinstatement tas-Sur Baldacchino, isib illi r-ragunijiet ta' l-ilment huma bbazati tajjeb, u ghalhekk jordna lid-ditta B. Paradise

(Malta) Ltd. li thallas lis-Sur George Baldacchino, mhux aktar tard mill-15 ta' Frar, 1979, is-somma ta' £M270 (mitejn u sebghin lira maltin), bhala kumpens dwar it-tkeccija. Fil-kaz li s-Sur Baldacchino ikun jehtieg xi certifikat, dan ghandu jsemmi biss iz-zmien li hadem u l-karigi li kellhu, u ma ghandu jaghmel ebda riferenza ghal kapacita', performance, imgieba, jew karattru.

(C.J. Mallia)
Chairman

(A. Bartolo Parnis)
Segretarju

7 ta' Frar, 1980.

em